***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 405 tat-30 ta' Novembru 2020 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-Seduta tal-24 ta' Novembru 2020, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. David Thake staqsa lis-Sedja:

> "**ONOR. DAVID THAKE:** Sur President, nagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari tiegħi nru 17325, fejn jien tlabt lill-Ministru responsabbli mill-ambjent biex ipoġġi dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra. Nitolbok tħares lejn ir-risposta tal-Ministru, u tara jekk hijiex risposta li hija denja għall-Kamra tad-Deputati. Grazzi."

Is-Sedja wieġbet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Se nara l-mistoqsija tiegħek, u nara li ġew osservati r-*rulings* li tajt fejn għandu x'jaqsam ma' ppreżentar ta' dokumenti mill-membri tal-Eżekuttiv. Nirringrazzjak.

Is-Sedja rat il-mistoqsija parlamentari 17325 li kienet tgħid hekk:

> "**17325. L-ONOR. DAVID THAKE** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar: Billi l-Ministru għamel referenza għal siġra tal-Milied li allegatament tqabbdet mal-*grid* meta l-gvern preċedenti kien ħabbar li din kienet qed titħaddem permezz ta' gas rekuperat mill-miżbla, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe provi jew dikjarazzjonijiet minn ħaddiema jew uffiċjali li tawh din l-informazzjoni u kif waslu għal din il-konklużjoni?

Fir-risposta tiegħu fis-Seduta tat-23 ta' Novembru, 2020, il-Ministru wieġeb hekk:

> "**ONOR. AARON FARRUGIA:** Is-siġra tal-Milied imsemmija kienet iċ-ċajta tas-sena ta' kull min kien midħla tas-settur. Sfortunatament din iċ-ċajta għadha tissemma sal-lum għax baqgħet bħala xempju tal-falliment tal-gvern ta' dak iż-żmien li ħalla s-settur tal-skart fi stat ta' abbandun b'strateġiji dgħajfjn. Kuntrarju għal dan, illum qed nimplimentaw l-akbar investiment f'dan is-settur fl-storja ta' Malta b'nofs biljun ewro li ser imorru biex il-pajjiż jersaq lejn ekonomija ċirkolari.
>
> Għaldaqstant nistieden lill-Onorevoli interpellant biex ma jibqax imwaħħal fil-passat u jiffoka fuq x'jista' jipproponi lill-poplu Malti bħala Gvern alternattiv."

Is-Sedja tinnota illi tat diversi *rulings* fuq dan il-punt li tqajjem mill-Onor. David Thake. Fost dawn, fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 325 tas-16 ta' Novembru 2015, is-Sedja kienet qalet illi l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, li jirregolaw b'ċertu dettall l-għemil tal-interpellanzi, huma għal kollox siekta dwar it-tweġibiet li jingħataw. Dan wassal lis-Sedja biex f'diversi deċiżjonijiet issostni li hi m'għandha l-ebda mansjoni fuq it-tweġibiet li jagħtu l-Ministri għall-mistoqsijiet parlamentari. Fir-*ruling* tas-16 ta' Novembru 2015 is-Sedja kienet qalet ukoll li din is-sitwazzjoni tibqa' tissustixxi sakemm l-Ordnijiet Permanenti ma jiġux emendati b'tali mod li jkun hemm regoli wkoll dwar il-kontenut tar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari, u li għahekk is-Sedja ftit li xejn tista' tintervjeni dwar kif Ministri jwieġbu mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom.

Fl-istess deċiżjoni s-Sedja qalet ukoll li kienet ikkonfortata b'dak li jgħid l-*Erskine May* (24 Edizzjoni) f'paġna 447, fejn jingħad illi:

> "*It is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members*."

F'din l-istess deċiżjoni s-Sedja kienet irreferiet ukoll għal *Research and Information Service Research Paper* tal-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq bl-isem *Parliamentary/Assembly Questions* datata 31 ta' Awwissu 2011, li tgħid b'mod ċar illi fl-assenza ta' Standing Orders li jitkellmu fuq dan is-suġġett, il-President tal-Kamra, l-Ispeaker, m'għandu l-ebda mansjoni biex jindaħal jew jordna li tiżdied xi informazzjoni ma' dak li jkun qed jingħata mill-Ministru kkonċernat.

Fir-*ruling* fuq imsemmi s-Sedja għamlet referenza wkoll għal deċiżjonijiet preċedenti fosthom dak tal-Ispeaker Louis Galea mogħti fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 fejn is-Sedja kienet tenniet li meta tweġiba tkun tagħmel referenza għal informazzjoni f'dokument pubbliku li jkun f'format stampat jew pubblikat fuq sit elettroniku, huwa rakkomandabbli li fuq il-Mejda tal-Kamra titqiegħed kopja stampata ta' din l-informazzjoni.

Hawnhekk is-Sedja tinnota li tali rakkomandazzjoni ma tistax tagħmilha f'din iċ-ċirkostanza għaliex minkejja li l-Onor. Membru talab li l-Ministru jqiegħed dokumentazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra, fit-tweġiba tiegħu il-Ministru ma għamel l-ebda referenza għal xi informazzjoni jew dokument li jinsab f'dokument pubbliku kemm stampat jew ippubblikat fuq sit elettroniku.

Is-Sedja ħadet nota wkoll tar-*ruling* mogħti minnha fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015 fejn għamlet referenza għal dak li ddeċieda l-Ispeaker tal-House of Commons John Bercow fis-seduta parlamentari tat-28 ta' Novembru 2001 (*House of Commons Debates Vol. 375, C971)* meta nqalgħet il-kwestjoni dwar risposti parlamentari għal domandi li jistgħu jinħassu li mhumiex preċiżi, jew li jistgħu jagħtu suspett li l-fatti mhumiex daqshekk ċari, jew addirittura ma jkunux veritieri. Dakinhar l-Ispeaker Bercow qal hekk:

> "*It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me*."

Għaldaqstant, bi tweġiba għat-talba tal-Onor. Thake dwar jekk is-Sedja tarax li t-tweġiba mogħtija hijiex denja ta' din il-Kamra, is-Sedja ttenni li kif ġie deċiż f'diversi *rulings* preċedenti u skont l-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra hija ma tistax tippronunċja ruħha fuq dan għaliex hija m'għandha l-ebda mansjoni li tirregola jew tintervjeni fil-kontenut tat-tweġibiet li jingħataw għall-interpellanzi parlamentari.